

Paġna ewlenija>Sib professjonist legali>Sib espert

Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna [nl](#) għiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

Swipe to change

I-Olandiż**Sib espert**

Olanda

Ma hemm l-ebda traduzzjoni uffċjali tal-verżjoni tal-lingwa li qed tara.

Hawnhekk tista' tara verżjoni tradotta awtomatikament ta' dan il-kontenut. Jekk jogħġbok innota li din hi pprovduta biss għal finijiet kuntestwali. Is-sid ta' din il-paġna ma jaċċetta ebda responsabbiltà jew obbligazzjoni fir-rigward tal-kwalità ta' dan it-test tradott b'mod awtomatiku.

-----il-Malti-----il-Bulgarul-Ispanjoliċ-Ċekid-Daniżil-Ġermaniżil-Estonjanil-Griegli-Inglišil-FranċiżKroatit-Taljanil-Latvjanil-Litwanil-Ungerizil-Pollakkil-Portugiżir-Rumenis-Slovakkis-Slovenil-Finlandiżil-Isvediż

I. Listi u Reġistri ta' Esperti

Fin-Netherlands hemm żewġ reġistri: wieħed primarjament għad-dritt ċivili u amministrattiv (LRGD) u ieħor primarjament għad-dritt kriminali (NRGD). Minbarra dawn, hemm istitut tal-esperti għall-evidenza forensika (NFI) u Istitut tal-Esperti tal-Liġi Ambjentali (STAB), it-tnejn fuq il-lista tal-impjegati tal-Istat Netherlandiż. Barra minn hekk, hemm l-Assoċjazzjoni Netherlandiża għar-Rapporti Speċjalisti Medici (NVMSR). L-esperti huma elenkati skont l-ispeċjalizzazzjoni. Ir-reġistri tal-Esperti jinżammu b'modi differenti, l-LRGD u l-NVMSR huma privati, l-NRGD u l-NFI huma ġestiti mill-Ministeru tal-Ġustizzja, l-STAB huwa korp indipendenti, li jaħdem strettament għall-ġudikatura. L-ebda qorti ma hija responsabbli għar-reġistru, u lanqas għall-kwalità tal-esperti li jidher fih, fin-Netherlands dan huwa strettament separat. Il-qrati joqogħdu fuq l-assigurazzjonijiet tal-kwalità li jipprovdu dawn il-korpi. Madankollu, l-imħallfin huma involuti fil-proċess ta' ammissjoni u/jew ta' akkreditazzjoni tar-reġistri LRGD u NRGD.

Ħoloq:

[Ir-Reġistru Nazzjonali tal-Esperti tal-Qorti](#)

[Ir-Reġistru tal-Esperti tal-Qorti tan-Netherlands](#)

[Esperti dwar il-liġi ambjentali u l-ippjanar spazjali](#)

[L-Assoċjazzjoni Netherlandiża għar-Rapporti Speċjalisti Medici](#)

Ir-reġistri NRGD/LRGD, NVMSR u s-sit web tal-STAB huma aċċessibbli pubblikament. Hemm għodod ta' tiftix, madankollu l-esperti tal-STAB ma jistgħux jiġu kkonsultati mill-partijiet għax dawn jinħatru biss biex jagħtu pariri lill-imħallfin u dan joħloq dubju f'termini ta' indipendenza. Pubbliku: ara l-paġna [sib espert](#). Din l-għodda tkopri biss l-esperti fir-reġistru LRGD. Hija aċċessibbli skont l-ispeċjalizzazzjoni. L-Esperti kollha li jaħdmu fl-STAB huma rreġistrati wkoll fir-reġistru LRGD.

Il-membri tal-NVMSR jgħaddu minn proċess ta' taħriġ u eżami qabel ma jikkwalifikaw bħala espert ġudizzjarju membru.

Biex jiġu rreġistrati fl-NRGD, l-esperti jridu jgħaddu minn proċedura ta' akkreditazzjoni li tqis kemm il-qasam ta' kompetenza li fih għandhom jeċċellaw b' responsabbiltà kif ukoll fir-rwol tagħhom bħala espert għall-qorti, il-ħiliet meħtieġa biex wieħed ikun espert tajjeb fil-proċedimenti. L-LRGD jibni fuq iċ-ċertifikazzjoni tal-istandards professjonali li huma stabbiliti mill-korpi professjonali u l-assozjazzjonijiet (kummerċjali) tal-professjoni nnifisha, u edukazzjoni dwar ir-rwol ta' espert, u sistema ta' edukazzjoni permanenti.

L-STAB għandu standards stretti ħafna ta' reklutaġġ u sistema edukattiva permanenti stretta. Ir-rieżami bejn il-pari tar-rapporti tal-Esperti huwa standard għall-STAB.

L-esperti ma għandhomx bżonn jieħdu ġurament. L-esperti jistgħu jitkeċċew mir-reġistri wara lmenti formali li ma segwewx ir-regoli ta' kondotta applikabbli għall-qrati differenti, li huma simili ħafna.

Ir-reġistri jinżammu aġġornati mill-korpi amministrattivi ta' ġestjoni.

II. Kwalifiki tal-esperti

L-esperti tal-LRGD iridu jkunu membri ta' korp professjonali sabiex ikunu jistgħu jsejnu lillhom infushom esperti. Għalhekk, il-kriterji għall-professjonaliżmu u r-rekwiżiti edukattivi huma ddkjarati minn dak il-korp. L-NRGD jistabbilixxi wkoll standards għoljin għall-edukazzjoni sabiex espert jiġi ammess fir-reġistru. L-esperti ħafna drabi jkunu membri ta' korp professjonali, iżda hemm oqsma "niċċa" li għalihom ma jeżistix korpi professjonali, għalhekk dan mhuwiex strettament obligatorju. FI-STAB, fl-LRGD u wisq probabbli fl-NRGD hija meħtieġa edukazzjoni permanenti fil-forma ta' Żvilupp Professjonali Kontinwu. Pereżempju fl-STAB 15% tal-ħin huwa riżervat għal dan, l-LRGD jirrikjedi minimu ta' 6 sigħat fis-sena. Ħafna drabi l-korpi professjonali jakkreditaw istituti edukattivi. Huma jridu jagħtu prova li l-edukazzjoni saret, jiġifieri jipprovdu listi ta' reġistrazzjonijiet fuq l-internet minn partijiet edukattivi. L-edukazzjoni għandha żewġ għanijiet: il-ħiliet fil-kuntest ġudizzjarju u l-kompetenza esperta.

III. Rimunerazzjoni tal-esperti

Fi proċedimenti kriminali u amministrattivi, l-Istat iħallas ir-rimunerazzjoni tal-espert. Hemm sistema fissa ta' tariffi u l-espert irid jagħmel kalkolu minn qabel. FI-STAB huwa differenti, l-STAB jifhallas mill-Ministeru tal-Ambjent. F'kawżi ċivili, il-partijiet iħallsu għall-kompetenza esperta.

IV. Responsabbiltà tal-esperti

L-esperti jinżammu responsabbli skont il-liġi ġenerali tal-obbligi. L-esperti mhumiex obligati jkollhom assicurazzjoni tar-responsabbiltà bil-Liġi jew mill-imħallef li jaħtar. L-esperti jistgħu jiġu assicurati mill-kumpanija li jaħdmu għaliha. L-esperti indipendenti jiġu assicurati fid-diskrezzjoni tagħhom stess, madankollu bosta korpi professjonali jagħmlu l-assigurazzjoni tar-responsabbiltà obligatorja.

V. Informazzjoni addizzjonali dwar il-proċedimenti tal-esperti

Id-dispożizzjonijiet legali prinċipali applikabbli għall-Kompetenza Ġudizzjarja fin-Netherlands huma l-Artikolu 194 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili u l-Artikolu 8.47 Awb, il-Kodiċi għad-Dritt Amministrattiv u liġi għall-Kompetenza Ġudizzjarja fid-Dritt Kriminali.

Dawn il-liġijiet huma qafas: linji gwida dettaljati għall-Kompetenza Ġudizzjarja jinsabu fid-[Direzzjoni tal-Prattika għall-esperti](#) f'każijiet tad-dritt ċivili Netherlandiż.

Barra minn hekk, hemm kodiċi ta' kondotta - b'bażi legali – għall-esperti fid-Dritt Kriminali, u hemm ukoll kodiċi ta' kondotta maħruġ mill-Qorti Amministrattiva Superjuri għall-kompetenza ġudizzjarja. Għall-biċċa l-kbira tal-forom ta' kompetenza, hemm rekwiżiti addizzjonali rigward il-kwalità tal-kompetenza jew il-kwalifiki tal-esperti.

It-titolu tal-espert mhuwiex protett.

1 Fatra ta' esperti

L-esperti jistgħu jinħatru mill-qorti u mill-partijiet involuti. Il-fatra tal-esperti fil-proċedimenti amministrattivi hija simili għal dik fil-proċedimenti ċivili, bid-differenza li fid-dritt amministrattiv l-ispejjeż jifhallsu mill-Istat u fil-proċedimenti ċivili l-ispejjeż jifhallsu mill-partijiet. Fil-każijiet kollha, l-espert maħtur mill-qorti għandu d-dmir li jwieġeb il-mistoqsijiet li jsirulu mill-qorti (possibbilment, wara konsultazzjoni mal-partijiet). Fil-proċedimenti quddiem qorti kriminali, jista' jinħatar espert mill-prosekutur jew mill-imħallef matul il-fażi tal-investigazzjoni. Għal dan il-għan, hemm reġistru rregolat bil-liġi, li għalih l-espert irid jissodisfa rekwiżiti aktar stretti milli fil-proċedimenti ċivili u amministrattivi. L-esperti kollha maħturin mill-qorti għandhom obbligu legali li jirrapportaw kwalunkwe kunflitt ta' interess.

1.a Fatra minn qorti

Qorti ċivili għandha s-setgħa diskrezzjonali li taħtar espert *ex officio* jew fuq talba espliċita tal-litiganti jekk il-fatti rilevanti ma jkunux jistgħu jiġu stabbiliti mod ieħor. F'dan il-każ, is-smiġh orali jiġi pospost għal data wara l-preżentazzjoni tar-rapport tal-espert. Il-qorti għandha l-libertà tal-għażla fil-prinċipju sabiex taħtar kwalunkwe persuna li tqis li tkun xierqa sabiex taġixxi bħala espert. Madankollu, il-fatra ta' espert mir-reġistru rilevanti hija Prattika segwita b'mod wiesa' mill-qorti kollha. L-espert għandu jirrapporta kwalunkwe kunflitt ta' interess lill-qorti. L-esperti maħtura mill-qorti għandhom aċċess għall-atti tal-kawża. Fil-proċedimenti ċivili, hemm regoli aktar stretti li japplikaw għas-subesperti li jiġu kkonsultati mill-espert maħtur matul il-missjoni, billi l-partijiet iridu jkunu jafu minn qabel liema persuni jiġu kkonsultati u x'mistoqsijiet ikunu mitluba jwieġbu.

1.b Fatra mill-partijiet

Meta l-partijiet jaħtru espert, dan ġeneralment isir fil-bidu tal-proċedimenti legali, biex jibnu l-każ tagħhom. Il-qorti tista' tuża dawn ir-rapporti biex tiddeċiedi każ. Fi kwalunkwe ħin fil-proċedimenti, imħallef jista' jaħtar espert fuq talba tal-partijiet. Dawn kollha jridu jaħdmu skont ir-regoli u l-kodiċijiet ta' kondotta applikabbli għall-espert maħtur mill-qorti.

Huwa possibbli li ż-żewġ partijiet jitolbu l-fatra ta' ċertu espert, ma hemmx regoli speċjali applikabbli. Imħallef jista' jordna li ż-żewġ partijiet jaħtru espert uniku, iżda din mhijiex Prattika komuni.

2 Proċedura

2.a Proċedura ċivili

Il-qorti timmonitorja l-progress tal-investigazzjonijiet tal-esperti f'termini ta' ġestjoni tal-ħin biss. Ma hemm l-ebda kontroll tal-kwalità fuq il-prestazzjoni tal-espert, ma ssir l-ebda referenza fis-sentenzi. Madankollu l-STAB jirċievi feedback regolari dwar il-prestazzjoni mill-qorti, għalkemm l-STAB rari jintalab fi proċedimenti ċivili.

Il-partijiet jistgħu jikkontestaw ir-rapport billi jagħtu dikjarazzjonijiet jew billi jipprovdu kontrokompetenza. Il-qorti mhumiex marbuta bir-rapport tal-Espert, iżda ġeneralment isegwu l-espert li jkunu ħatru. L-esperti tal-partijiet għandhom it-tendenza li jkunu anqas influwenti mill-Esperti maħtura mill-qorti. Ma hemm l-ebda proċedura li biha l-esperti jiltaqgħu qabel il-proċess jew jiġu kontroeżaminati qabel il-proċess biex ifittxu li jnaqqsu l-kwistjonijiet u biex il-qorti tifhem id-differenzi.

L-esperti huma permissi li jkunu f'kuntatt mal-partijiet matul il-proċedimenti iżda biss jekk ikun meħtieġ għas-sejbien tal-fatti u fil-preżenza tal-partijiet kollha. L-Espert għandu jagħmel laqgħat fil-preżenza mal-partijiet kollha sabiex jiġbor il-kummenti tagħhom, jekk ma jkunx imxekkel minn standards professjonali bħal f'każijiet mediċi.

1. Rapport tal-espert

Fin-Netherlands hemm Mudell ta' qafas ta' rapport. L-esperti huma meħtieġa li jipprovdu rapport preliminari, il-partijiet għandhom id-dritt li jagħmlu l-kummenti. L-espert irid jindirizza l-argumenti tal-partijiet kemm fir-rapport preliminari kif ukoll fir-rapport finali. M'hemm bżonn li jiġi osservat l-ebda rekwiżit speċifiku ieħor fir-rapport. Jekk ikun ordnat mill-qorti, l-espert irid jipproduċi rapport addizzjonali, pereżempju jekk ikun hemm mistoqsijiet addizzjonali. Ir-rapport ġeneralment jingħata bil-miktub, iżda jista' jingħata wkoll b'mod orali f'seduta ta' smiġh fil-qorti.

2. Smiġh fil-qorti

Il-qorti tordna lill-espert sabiex jattendi għas-seduti ta' smiġh biss f'każijiet eċċezzjonali, dan jista' jintalab mill-partijiet jew jiġi ordnat mill-imħallef. Mhux normali li jsir kontroeżami.

2.b Oħrajn

Id-differenzi għal forom oħra għajr id-dritt ċivili mhumiex sinifikanti.

L-informazzjoni ppreżentata hawnhekk inġabret matul il-Proġett Sib Espert minn kuntatti għal kull pajjiż magħżula mill-Istitut Ewropew tal-Kompetenzi u l-Esperti EEEI.

L-aħħar aġġornament: 10/09/2020

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.